32007D0012

12.1.2007 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 7/21

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-20 ta' Diċembru 2006

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/363/KE li tikkonċerna l-miżuri ta' protezzjoni għas-saħħa ta' l-annimali kontra d-deni Afrikan tal-ħnieżer f'Sardenja, l-Italja

*(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6729)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/12/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsindrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern, ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha.

Wara li kkunsindrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti prodotti u annimali ħajjin bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern, ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sanitarji li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali għall-konsum mill-bniedem ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/363/KE tat-2 ta' Mejju 2005 li tikkonċerna miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali kontra d-deni Afrikan tal-ħnieżer f'Sardenja, l-Italja ([4]) ġiet adottata bħala rispons għall-preżenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-provinċja ta' Nuoro u parti mill-provinċja ta' Sassari f'Sardenja.

(2) L-Italja infurmat lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-pjan għal qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ f'Sardneja, approvat mid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2005/362/KE ([5]), u l-evoluzzjoni favorevoli ta' dik il-marda fit-territorju ta' Sardenja.

(3) Il-provinċja ta' Orestano, ċerti muniċipalitajiet tal-provinċja ta' Sassari u ċerti muniċipalitajiet tal-provinċja ta' Nuoro għalhekk għandhom jiġu esklużi miż-żoni ta' Sardenja kif imsemmija f'punt (b)(i) ta' l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni 2005/363/KE li huma esklużi mid-deroga prevista f'dan l-Artikolu li jawtorizza lill-awtoritajiet Taljani għall-kunsinja ta' laħam tal-majjal taħt ċerti kundizzjonijiet.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2005/363/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2005/363/KE huwa mibdul bit-test li hemm fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33). verżjoni kkoreġuta f'ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

([3]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([4]) ĠU L 118, 5.5.2005, p. 39, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/494/KE (ĠU L 182, 13.7.2005, p. 26).

([5]) ĠU L 118, 5.5.2005, p. 37.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

Iż-żoni ta' Sardenja kif jissemmew fil-punt (b)(i) ta' l-Artikolu 5(2):

(a) Fil-provinċja ta' Nuoro: it-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Aritzo, Arzana, Atzara, Austis, Bari Sardo, Baunei, Belvi, Bitti, Cardedu, Desulo, Dorgali, Elini, Fonni, Gadoni, Gairo, Galtelli, Girasole, Ilbono, Irgoli, Jerzu, Lanusei, Loceri, Loculi, Lotzorai, Lula, Meana Sardo, Onani, Onifai, Orgosolo, Orosei, Osidda, Osini, Ovodda, Seui, Sorgono, Talana, Tertenia, Teti, Tiana, Tonara, Tortoli, Triei, Ulassai, Uzulei, Ussassai u Villagrande Strisaili;

(b) Fil-provinċja ta' Sassari: it-territorju tal-muniċipalitajiet ta' Ala' dei Sardi, Anela, Budduso', Bultei, Nughedu di San Nicolo' u Pattada."